



Brussell, 20 ta' Novembru 2025
(OR. en)

15487/25
ADD 6

Fajl Interistituzzjonali:
2025/0210 (BUD)

FIN 1358

NOTA PUNT "A"

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil: Kunsill

Suġġett: Test konġunt dwar il-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena
finanzjarja 2026

- *Dikjarazzjonijiet*
-

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness dikjarazzjoni konġunta mill-Awstrija, il-Finlandja, l-Iżvezja u n-Netherlands, kif ukoll dikjarazzjoni unilaterali mill-Ungerija.

Dikjarazzjoni mill-Awstrija, il-Finlandja, l-Iżvezja u n-Netherlands
dwar il-baġit tal-Unjoni Ewropea għall-2026

Il-baġit tal-UE għandu jkun ibbażat fuq prinċipji baġitarji sodi, iżomm marġnijiet suffiċjenti u jissalvagwardja strumenti speċjali biss għal ċirkostanzi ġenwinament mhux previsti.

Il-ftehim dwar il-baġit għall-2026 jagħmel użu eċċessiv ta' strumenti speċjali f'diversi intestaturi, b'riallokazzjonijiet limitati ħafna. Jinkludi wkoll żidiet sinifikanti fin-nefqa amministrattiva kif ukoll żidiet fil-livelli tal-persunal. Fl-opinjoni tagħna, il-baġit tal-UE ma jistax jinjora l-kuntest usa' li fih il-biċċa l-kbira tal-baġits nazzjonali jinsabu taħt pressjoni jew jiffaċċaw miżuri ta' konsolidazzjoni sostanzjali.

Għalhekk aħna nemmnu li l-qbil dwar il-baġit tal-UE għall-2026 mhuwiex konformi mal-prinċipju ta' bbaġitjar prudenti.

Dikjarazzjoni mill-Ungerija
għall-ftehim dwar il-baġit annwali tal-Unjoni Ewropea għall-2026

L-Ungerija tastjeni fir-rigward tal-ftehim dwar il-baġit annwali tal-Unjoni Ewropea għall-2026.

Filwaqt li tirrikonoxxi l-importanza li jiġi żgurat il-funzjonament kontinwu tal-programmi u l-istituzzjonijiet tal-Unjoni, l-Ungerija tqis li huwa essenzjali li tirreġistra dan li ġej fir-rigward tal-Programm għall-Industrija tad-Difiża Ewropea (EDIP) u l-Istrument ta' Appoġġ għall-Ukrajna (USI).

L-Ungerija tappoġġa l-isforzi kollha mmirati lejn it-tnedija ta' negozjati sostantivi lejn paċi sostenibbli u stabbli li tiggarrantixxi s-sigurtà fit-tul tal-kontinent Ewropew. L-Ungerija temmen li bin-negozjati għall-paċi li għaddejjin u li huma mmexxija mill-Istati Uniti, l-UE teħtieġ ukoll li tadatta t-tfassil tal-politika tagħha.

Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, u f'konformità mal-impenn dejjiemi tagħha għall-paċi, l-Ungerija ma tappoġġax l-istabiliment jew il-finanzjament ta' strumenti ġodda tal-Unjoni li jikkontribwixxu militarment għall-gwerra fl-Ukrajna u jirriskjaw li jdgħajfu l-isforzi ta' paċi li għaddejjin. Ir-riżorsi skarsi disponibbli għal skopijiet ta' difiża jeħtieġ li jiġu allokati kompletament għat-tħejjijiet tad-difiża tal-Unjoni stess, u b'hekk tiġi żgurata b'mod dirett il-protezzjoni taċ-ċittadini tal-UE.

Konsegwentement, u b'mod konsistenti mal-pożizzjoni tagħna ddikjarata preċedentement matul in-negozjati dwar ir-Regolament EDIP, l-Ungerija ma tistax tapprova l-allokkazzjoni proposta għall-Istrument ta' Appoġġ għall-Ukrajna fil-baġit għall-2026.